BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA KONĠUNTA GĦALL-MEDIA

**14 ta' Novembru 2015**

**RIŻULTATI TA' EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju ta' Evalwazzjoni Komprensiva li sar fuq disa' banek li jinsabu fi tmien Stati Membri li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), li jaqgħu taħt, jew li x'aktarx se jaqgħu taħt, superviżjoni diretta mill-BĊE.

Simili għall-eżerċizzju li sar fl-2014, l-aħħar Evalwazzjoni Komprensiva kienet tikkonsisti f'żewġ komponenti, jiġifieri analiżi tal-Kwalità tal-Assi (AQR) u *Stress Test* (ST) fuq il-bażi ta' metodoloġiji mfasslin mill-BĊE. Wieħed mid-disa' banek inklużi fl-Evalwazzjoni Komprensiva involva istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA). L-istituzzjoni ta' kreditu hi l-Medifin Holding Ltd, il-kumpanija *holding* tal-Mediterranean Bank plc, u s-sussidjarji tagħha l-Mediterranean Corporate Bank Ltd, u l-MeDirect Bank SA stabbilit fil-Belġju. B'hekk, abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-BĊE, il-Medifin Holding Ltd ser tiġi kklassifikata bħala istituzzjoni sinifikanti u sorveljata direttament mill-BĊE minn Jannar 2016.

Il-Medifin Holding Ltd bdiet l-eżerċizzju bi proporzjon tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) ta' 10.72%. L-AQR irriżulta f'aġġustament 'l isfel ta' 87 punt bażi, sabiex b'hekk il-proporzjon tal-kapital tas-CET1 ta' 9.85% wara l-AQR, baqa' ogħla mil-livell minimu ta' 8%.

Sadattant, l-impatt tal-i*Stress Test* ġie stmat fil-livell ta' 125 punt bażi taħt xenarji aktar normali, u fil-livell ta' 473 punt bażi taħt xenarji negattivi. Minħabba li l-Grupp irreġistra profitti matul il-perjodu minn Ottubru 2014 sa Awwissu 2015, il-Medifin Holding Ltd żiedet il-kapital tagħha tas-CET 1 permezz ta' kontribut għall-kapital ta' €28.7 miljun mill-azzjonisti. Għalhekk, ir-riżultati tal-i*Stress Test* juru li taħt ix-xenarji negattivi, inkluż l-impatt sħiħ tal-AQR, il-proporzjon tal-kapital tas-CET1 tal-Medifin kien ogħla mil-livell minimu ta' 5.5% fl-aħħar ta' Settembru 2015, id-data stabbilita għat-tmiem tas-sottomissjoni tad-*disclosure template* għall-Evalwazzjoni Komprensiva

Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni Komprensiva għall-Medifin Holding Ltd jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-siti elettroniċi tal-Bank Ċentrali ta' Malta u tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, rispettivament.

Aktar informazzjoni dwar l-Evalwazzjoni Komprensiva u r-riżultati kollha tad-disa' banek li pparteċipaw f'dan l-eżerċizzju jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.